**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 99/07**
Il-Gimgha 28 ta' Ġunju 2019 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *A/SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 99.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji; |
| 99.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti; |
| 99.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku; |
| 99.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri; |
| 99.5 | Rapporti;<br>• RAPPORT TAL-EWWEL KWART TAS-SENA 2019<br>• DISPOSAL OF ASSETS |
| 99.6 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 82/2019; |
| 99.7 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati; |
| 99.8 | Mozzjonijiet; |
| 99.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss. |

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**99.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

i. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

**99.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti Nru. 98/2019 tat-28 ta' Gunju 2019 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**99.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-każ mal-Perit Mintoff – Building & Design Consultants kien gie ssetiljat u l-kontijiet li kienu ħtbgħatulna kienu mħallsa kollha. Perit Mintoff – Building & Design Consultants

i.i. Is-Sindku Paul Farrugia żied jinforma lill-Kunsill li bi qbil unanimu tal-Kunsill kollu kien tqabbad Perit ieħor sabiex jitkompla x-xogħol li kien inbeda u tħalla nofs triq mill-Perit Mintoff Building & Design Consultants. Żied jispjega li l-Kunsill xorta waħda kien ħareġ is-sejħa għall-Perit ġdid pero sadanittant kien kellu jaħdem b'direct order. Perit ġdid temporanju

i.i.i Il-Kunsill unanimament qabel li sakemm jintgħażel perit ġdid mill-offerti mitfugħa dan il-Kunsill kellu jibqa għaddej b'direct order mal-Perit Karl Cutajar.

ii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta l-każ u ddeċieda li l-Kunsill Lokali kellu dejjem jimxi fuq il-parir tal-avukat. Turf tal-ground 5 aside

iii. Is-Sindku Paul Farrugia qal li wara dak li kien ġie rrapurtat fil-laqgħat preċedenti dwar Triq Żejtun, kien irnexxielu jasal ma' Infrastructure Malta u għalkemm is-servizzi fil-parti ta' fuq ma nbidlux tal-inqas ingħatat kisja tarmak. Zejtun road issa kienet tlestiet minn kollox. Żied jispjega li l-Kuntrattur li ħadem Zejtun Road kien qala t-tabelli kollha u ma kenux reġgħu twaħħlu kollha. Is-Sindku qal li kien għamel kuntatt mal-Perit tal-progett u dan wieġbu li l-kuntrattur ma kienx qed iwieġbu. Is-Sindku Paul Farrugia baqa miegħu li kien qed iżomm lill-Infrastructure Malta responsabbli fl-eventwalita ta' xi incident. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructu e Malta

iv. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-liġi kienet inbidlet u kienet tgħid li jekk fil-Kunsill proprju ma jkunx hemm minn fejn jinħatar Deputat Seg. Eżek, għaldaqstant il-Kunsill setgħa jiċċekja f'kunsilli lokali oħra. Żied jgħid li dan l-uffiċċju kien talab lill-impjegata Uffiċċjal Eżekuttiv xtaqietx tokkupa dan l-irwol uf'tali każ titla minn skala 13 għal skala 11 pero din minn naħa tagħha dejjem qalet li ma kenitx lesta għal tali responsabbilta'. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna mexxejna bl-Applikazzjoni tal-bus shelter għat-toroq Palma u Tarxien filwaqt li konna qed nistennew mill-kumpanija FACES. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

v.i Is-Sindku żied jgħid ukoll li l-bus shelter ta' MISRAH IS-SUQ twaħħal u kien ukoll tpoġġa l-bank. Bus Shelter – Misraħ tas-Suq

vi. Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħat preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Ġnien Kurunell Mass kien ser jiġi inawgurat f'Jum Ħal Tarxien nhar il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2019 kif miftiehem. Żied jgħid li dan jixtieq jagħmlu biex jagħlaq bi proġett li kollha bhala Kunsill Lokali ħadmu għalih. Qal ukoll li apparti hekk bħalma jaf kulhadd konna ngħatajna l-fondi mingħand l-Onor Silvio Parnis u li dawn kienu jammontaw għall-€250,000 u għaldaqsdtant jixtieq jirringrazzjah personalament tal-għajnuna tiegħu sabiex dan il-progett setgħa jseħħ.

Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali li filgħodu ta' dakinhar stess tal-laqgħa, il-Kuntrattur CATBROS li kien il-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħol f'dan il-ġnien kien ippreżenta kont ta' madwar €187,000 għal xogħol li skond l-istess kuntrattur kien lesta sa' dak il-jum. Paul Farrugia qal li għaldaqstant kien ċempel lill-Perit tal-Kunsill Perit Karl Cutajar u flimkien marru fuq il-post. Żied jgħid li meta l-Perit u hu bdew jispezzjonaw ix-xogħol sabu li kien hemm ammont kbir ta' xogħol li għalkemm inkluż fil-kont dan jew ma kienx sar bħal per eżempju dawl, jew il-kejl ma kienx dak indikat fuq il-kont u anke il-materjal użat. Żied jgħid li tali diskrepanza kienet tammonta għal madwar €86,000. Filwaqt li l-ammont li kien iċċertifikat mill-Perit Karl Cutajar u li għaldaqstant kellu jitħallas mill-Kunsill Lokali kien ta' €101,860.23. Is-Sindku Paul Farrugia qal li għaldaqtant sar kuntatt mal-Kuntrattur fejn dan intalab sabiex jemenda u jirranġa l-kont sabiex jirrifletti effettivament ix-xogħol li kien verament tlesta u sar sal-ġurnata. Is-Sindku Paul Farrugia qal li apparti li kien qed iżomm lill-Kunsill Lokali attwali aġġornat bl-iżviluppi kien ukoll qed jirreġistra pass pass x'kien ġara sabiex ma jkunx hemm lok għal miżinterpretazzjoni anke in vista tal-fatt li fi ftit jiem oħra dan il-Kunsill Lokali kien ser jispiċċa filwaqt li mill-1 ta' Lulju 2019 kien ser jidħol *in office* Kunsill Lokali kollu ġdid għajr il-Kunsillier hemm preżenti sur Ismael Dalli. Paul Farrugia temm billi ddikjara li kien importanti li l-affarijiet ikunu ċari għall-kulħadd filwaqt li talab lill-Kunsilliera kollha preżenti jikkonfermaw li kienu fehmu s-sitwazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta dan kollu u unanimament qabel ma' dak kollu li qal is-Sindku kif ukoll kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali kellu ħallas biss għax-xogħol li kien effettivament sar u li l-valur kien dak ta' €101,860.23.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-FACEBOOK nhar -il 15 ta' Mejju 2018 mingħand is-Sur Juan Carlos Farrugia. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat Dr Carm Mifsud Bonnici talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, Kawża l-Qorti

xorta waħda ser ikompli bil-kawża iżda issa din il-kawża kellha tiġi ddifferita għaliex il-Magistrat leħaq Imħallef.

ix. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett biex issir Triq l-Isqajjaq b'żieda ma' dak irraportat fil-laqgħat preċedenti kien rega kellu kuntatt ma' Infrastructure Malta u qalulu li waslu biex jagħtu l-kuntratt lill-Polidano Group. Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia żied jispjega li dan ix-xogħol kien ser isir fl-intier tiegħu minn INFRASTRUCTURE MALTA thru' il-kuntrattur magħżul minnhom. Il-Kunsill Lokali Tarxien kien biss ser jimmonitorja x-xogħol permezz tal-Perit tiegħu Karl Cutajar li anke f'dan il-każ INFRASTRUCTURE MALTA kienet ser tirrifondi l-fee tal-Perit. Kif ukoll il Kunsill Lokali fil-laqgħat preċedenti kien unanimament qabel li l-għamara tat-triq kellu jissupplixxija hu bħala Kunsill Lokali. Ameljoramen t ta' pjazza f'Misrah Brittania

Il-Kunsill Lokali ddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir hekk kif iddikjarat mis-Sindku Paul Farrugia.

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara t-talba għal tiswija tal-bandli b'Direct Order u li kienet għaddiet min-naħa ta' DLG issa x-xogħol kien kollu konkluż u l-ġonna kollha kienu safe u l-kuntrattur kien ser jitħallas. Survey MCCAA – Direct Order

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjoni jeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

xi.i. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kien ċempel it-tifel tal-Brunżar li kien beda jaħdem fuq il-BUST u fejn kien infurmah li kien jaf artist u jekk xtaqx li dan l-artist jkompli fejn kien ħalla missieru u hu f'isem il-Kunsill Lokali kien ikkonfermalu, irċieva konferma mingħand il-Perit li l-PA kien hemm applikazzjoni għaddejja. Monument – Renzo Gauci

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Santa Tereza kien inbeda. Il-Kunsillier Frans Agius ġibed l-attenzjoni li kien hemm xi kurduna mkissra. Is-Sindku qal li kien ħa nota u kien ser jiċċekja u fil-każ jkellem lill-Kuntrattur sabiex jirranġa. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

xiii.i Żied jispjega s-Sindku li Triq Sammat kienet tlestiet minn kollox.

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq Alfier De Medran kienet tlestiet minn kollox u kienet qegħda fuq l-iskeda tal-laqgħa biex titħallas. Filwaqt li kienu nbdew is-servizzi ta Triq il-Witja. Fakkar li din it-Triq kellha tiġi *resurfaced* minn kantuniera ma' Triq Kurunell Mass sa kantuniera ma' s-service road ta' Triq San Anard pero qabel ma tibda l-bankina splay tal-kantuniera fi Triq San Anard. Qal li kien qed jgħid dan għaliex kien avviċinah ir-resident li joqgħod eżatt fil-kantuniera fejn hemm li splay li qed isemmi u talbu sabiex r-resurfacing jibqa għaddej sa nofs il-wiesa' ta' service road ta' triq San Anard jiġifieri l-parti li tkopri l-area kollha ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Żied jgħid li hu kien wieġbu li l-BoQ's kienu diġa lesti u approvati mill-Kunsill Lokali attwali u li fil-każ dik il-parti li kien qed jitlob li tiġi nkluża kienet ser tkun ikkunsidrata ladarba jsir ir-*resurfacing* tas-service road fi Triq San Anard. Toroq ġodda bit-tarmak

Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia qal ukoll li x-xogħol f'din it-Triq il-Witja kien ġie mwaqqaf minn dak li minn l-1 Lulju 2019 kellu jkun is-Sindku jiġifieri s-Sur Joseph Abela. Żied jgħid li hu ma daħalx fiha biex ma jaqlax paroli dawn l-aħħar jiem ta' Sindakat tiegħu pero meta kien ċempillu l-Kuntrattur DIMBROS u kien infurmah x'kien ġara kien talbu sabiex jagħlaq it-trinka li kien għamel u jieqaf imbagħad kienet ser tkun l-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali il-ġdid mill-1 ta' Lulju 2019 li kienet ser tindikalu x'kellu jagħmel. Żied jgħid li l-istess kien talab lill-kuntrattur jagħmel għal Triq id-29 ta' Mejju 1592 jiġifiri sabiex jlesti milli kien qed jagħmel u jagħlaq.

Il-Kunsill Lokali ddiskuta din il-materja u għalkemm afferma li s-Sur Joseph Abela ma kellu ebda dritt jindaħal u jwaqqaf lill-kuntrattur, qabel unanimament mas-Sindku Paul Farrugia li sabiex jtemmu s-7 leġislatura fil-kwiet mingħajr bidu ta' polemiċi, ix-xogħol kellu jieqaf wara li tingħalaq it-trinka li kienet saret minħabba s-servizzi u li dan kien jgħodd ukoll għal Triq id-29 ta' Mejju 1592.

**xv.** Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien għad hemm vakanza għal assistent skrivan skala 16. Tali ri-attivazjoni issa kellha ssir mill-Amminsitrazzjoni l-ġdida li kienet ser tibda topera mill-1 ta' Lulju 2019 skond il-bżonn. Vakanza Skrivan Skala16

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Infrastructure Malta kienet avviċinatu u nfurmatu li kienu qed jipproponu li jirranġaw l-area ta' wara l-iskola. Is-Sindku qal li għal darba tnejn tlieta kien infurmahom li dik l-area hija tal-privat pero jekk bħala Awtorita huma riedu jirranġaw l-area hu ma kienx ser iwaqqafhom. Sit fejn l-iskola

**xvi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-Sindku li jekk Infrastructure Malta tixtieq li tirranġa s-sit il-Kunsill ma kienx ser iwaqqafha.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC ikun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas, konna rċevejna mingħand TM fejn dawn ma kienux isibu oġġezzjoni basta nibgħatulhom pjan dettaljat tal-kambjament propost flimkien mat-tabelli u sinjali u dan qabel ma jinbeda x-xogħol previst. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ser jitwaħħlu t-tabelli tal-ONE WAY fi Triq San Anard man-naħa tas-service road. One Way – Triq San Anard

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-każ li kien tressaq mingħand resident fi Triq Alfier De Medran dwar allegazzjoni ta' xi ħsara li kienet saritilhom konna għadna ma rċevejna xejn. Ħsara residenzi – Triq Alfier De Medran

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ħarġu sejħiet għall-offerti għall-PERIT, ACCOUNTANT, kif ukoll CONTRACT MANAGER u li dawn għalqu nhar it-18 ta' Ġunju 2019. Ġie deċiż li peress li huma kienu ser jtemmu l-leġislatura, għaldaqstant kellu jkun il-Kunsill Lokali l-ġdid dak Sejħiet għall-offerti għall-PERIT, ACCOUNTANT, kif ukoll CONTRACT MANAGER

tat-8 Leġislatura li kellu jibda mill-1 ta' lulju 2019 li kellu jaħtar l-Kumitat ta' Evalwazzjoni u jmexxi bil-proċess. Żied jgħid li l-opening staff tal-Kunsill Lokali kienu biss fetħu minn fuq is-sistema tal-EPPS dawn it-tenders sabiex b'hekk il-kunsill lokali kien jaf x'daħlu offerti. Qal li xejn iktar minn hekk ma kien sar. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel ma' dak propost mis-Sindku Paul Farrugia.

xxi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kienet tefgħet ir-riżenja tagħha minn mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien u l-aħħar ġurnata ta' xogħol tagħha mal-Kunsill kienet ser tkun it-30 ta' Ġunju 2019. Vakanza Segretarju Eżekuttiv

Żied jispjega li għalkemm kienu saru ħafna tentattivi biex insibu lil xi ħadd bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv, għalkemm kienu waslu biss 3 ijiem qabel tmiem il-kariga tagħha konna bqajna mingħajr twegiba mingħand l-DLG.

Żied javza s-Sindku li s-sejħa għal Seg. Ezek. Kienet għalqet illum il-Ġimgha 28 ta' Ġunju 2019 f'nofsinhar u kienu daħlu 5 applikazzjonijiet. Issa kien għal Kunsill Lokali il-gdid biex imexxu bil-proċess.

Hawnhekk il-Kunsill Lokali unanimament iddikjara li f'tali sitwazzjoni mill-1 ta' Lulju 2019 kull responsabbilta' kienet ser tkun fuq id-DLG għaliex ebda Kunsill Lokali ma setgħa jiffunzjona mingħajr Segretarju Eżekuttiv.

xxii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dik il-ġimgha kien sar rapport fuq wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali fuq paroli zejjed li kien għamel speċjalment fil-konfront tas-Seg. Ezek. Qal li kien laqqa lill-ħaddiema kollha u talabhom biex joqgħodu attenti xi jgħidu. Sadanittant dan il-ħaddiem kien talab apologija lis-Seg. Ezek pero bħala RSSL xorta waħda ħarġulu *warning* u talbuh li l-apologija ssir bil-miktub.

## 99.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 99.5 Rapporti

*RAPPORT TA L-EWWEL KWART TAL 2019*
Dan tressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. Dan gie ffirmat mis-Sindku u mis-Seg. Ezek.

*RAPPORT DISPOSAL OF ASSETS*
Dan gie ffirmat mis-Sindku, Vici Sindku u Kunsillieri kollha flimkien mas-Seg. Ezek.

## 99.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

i. Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.82/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**99.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

i. Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**99.8 Mozzjonijiet**

i. Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**99.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00PM

Laqgħa oħra ser tinżamm nhar **il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019 fil-6:30pm**

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**